

32000D0730

L 293/24

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

22.11.2000

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
ta' l-10 ta' Novembru 2000**

li tistabilixxi l-Bord ta' l-Unjoni Ewropea għall-Ittikettjar Ekoloġiku u r-regoli tal-proċedura tiegħu

(notifikata taħt dokument numru K(2000) 3280)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2000/730/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju dwar skema riveduta ta' l-għoti ta' l-eko-tikketta Komunitarja ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li l-Kummissjoni għandha twaqqaf Bord ta' l-Unjoni Ewropea għall-Ittikettjar Ekoloġiku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "EUEB", li jkun jikkonsisti mill-korpi kompetenti imsemmija fl-Artikolu 14 u mill-Forum Konsultattiv imsemmi fl-Artikolu 15.
- (2) L-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li r-regoli ta' proċedura ta' l-EUEB għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 17 waqt li jingħata kont tal-prinċipji proċedurali mniżżla fl-Anness IV.
- (3) L-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li l-EUEB għandu b'mod partikolari jikkontribwixxi għall-issettjar u r-reviżjoni tal-kriterji ta' l-Ittikettjar Ekoloġiku kif ukoll ta' l-istima u l-ħtiġiet ta' verifikazzjoni.
- (4) L-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li l-Kummissjoni għandha tiżgura li fit-tweqqif ta' l-attivitajiet tagħha l-EUEB josserva, dwar kull grupp ta' prodotti, il-parteċipazzjoni bilanċjata tal-partijiet rilevanti interessati li għandhom x'jaqsmu ma' dak il-grupp ta' prodotti bħal l-industrija u lil dawk li jagħtu s-servizzi, inklużi SMEs, is-snaġja u l-organizzazzjonijiet tan-negozju tagħhom, trade unions, negozjanti, bejjiegħa bl-ilmnut, importaturi, gruppi tal-protezzjoni ta' l-ambjent u organizzazzjonijiet tal-konsumatur.
- (5) Il-Premess 5 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li għall-aċċettazzjoni mill-pubbliku in ġenerali tas-Sistema ta' Għoti ta' l-Eko-Tikketta Komunitarja huwa

essenzjali li l-għaqdiet mhux governattivi (NGOs) ta' l-ambjent u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur għandhom parti mportanti fl-iżvilupp u l-issettjar tal-kriterji għall-Eko-Tikketta Komunitarja.

- (6) L-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li l-EUEB jista' jitlob lill-Kummissjoni li tibda l-proċedura għall-issettjar tal-kriterji ekoloġiċi.
- (7) L-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li l-Kummissjoni għandha tagħti mandati lill-EUEB biex jiżviluppa u perjodikament jirrevedi l-kriterji ta' l-Eko-Tikketta kif ukoll l-istima u l-ħtiġiet ta' verifikazzjoni li jirrelataw ma' dawk il-kriterji, u japplikawhom lill-grupp ta' prodotti li jaqgħu fl-iskop ta' dan ir-Regolament.
- (8) L-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li fuq il-bażi tal-mandat il-EUEB għandu jgħamel abbozz tal-kriterji ta' l-Eko-tikketta dwar il-grupp ta' prodotti u l-istima u l-ħtiġiet ta' verifikazzjoni li jirrelataw ma' dawk il-kriterji, kif imniżżla fl-Artikolu 4 u l-Anness IV li jinsab ma' dan ir-Regolament, billi jagħtu kont tar-riżultati ta' vijabilità u l-istudji tas-suq, il-konsiderazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja u l-analiżi tat-titjib msemmija fl-Anness II li jinsab ma' dan ir-Regolament.
- (9) L-Anness IV(1) li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li grupp *ad hoc* speċifiku tax-xogħol li jinvolvi l-partijiet interessati msemmija fl-Artikolu 15 u l-korpi kompetenti msemmija fl-Artikolu 14 għandu jitwaqqaf fi ħdan l-EUEB sabiex jiżviluppaw il-kriterji ta' l-Eko-Tikketta għal kull grupp ta' prodotti.
- (10) L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li l-EUEB għandu jiġi konsultat mill-Kummissjoni dwar il-pan tax-xogħol tal-Eko-Tikketta Komunitarja.
- (11) L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li l-membri tal-EUEB għandhom jikkoperaw ma' l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-promozzjoni ta' l-użu tal-Eko-Tikketta Komunitarja.
- (12) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bis-saħħa ta' l-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 1980/2000,

⁽¹⁾ ĠU L 237, tal-21.9.2000, p. 1.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-regoli li jstabilixxu l-Bord ta' l-Unjoni Ewropea għall-Ittikettjar Ekoloġiku u r-regoli tiegħu ta' proċedura, imniżżla fl-Anness hawn meħmuż, qegħdin b'dan jiġu adottati.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Novembru 2000.

Għall-Kummissjoni

Margot WALLSTRÖM

Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

**REGOLI TAL-PROĊEDURA TAL-BORD TA' L-UNJONI EWROPEA GĦALL-ITTIKETTJAR
EKOLOĠIKU (EUEB)**

RWOL TA' L-EUEB

1. L-EUEB imsemmi f'Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 huwa stabbilit u għandu jaħdem skond l-imsemmi Regolament.
2. L-EUEB għandu, b'mod partikolari:
 - jitlob lill-Kummissjoni biex tibda l-proċedura għall-issettjar tal-kriterji ekoloġiċi kif ukoll l-istima relatata u l-konformità mal-ħtiġiet ta' verifikazzjoni għall-gruppi ta' prodotti,
 - jikkontribwixxi għall-issettjar u r-reviżjoni tal-kriterji ta' l-Ittikettjar Ekoloġiku kif ukoll ta' l-istima relatata u l-konformità mal-ħtiġiet tal-verifikazzjoni għall-gruppi tal-prodotti,
 - jiġi konsultat mill-Kummissjoni dwar il-pjan tax-xogħol ta' l-Eko-Tikketta Komunitarja,
3. Il-membri ta' l-EUEB għandhom jikkoperaw ma' l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-promozzjoni ta' l-użu ta' l-Eko-Tikketta Komunitarja.

KOMPOSIZZJONI

4. L-EUEB għandu jkun jikkonsisti mill-korpi kompetenti msemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) No 1980/2000, inklużi l-korpi kompetenti ta' l-Istati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, u l-Forum ta' konsultazzjoni msemmi f'Artikolu 15 ta' l-imsemmi Regolament.
5. Fost oħrajn, l-organizzazzjonijiet li ġejjin, li jirrappreżentaw il-partijiet interessati, għandhom ikunu membri ta' l-EUEB:
 - Coface (konsumaturi, li jirrappreżentaw ukoll l-BEUC, Eurocoop u AEC),
 - EEB (ambjentali)
 - ETUC (*trade unions*),
 - UNICE (industrija),
 - UEAPME (SMEs, snajja),
 - Eurocommerce (kummerċ)

Sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni bilanċjata tal-partijiet rilevanti kollha nteressati, l-EUEB jista' jadatta kif jixraq din s-sħubija, jew fuq it-talba tal-Kummissjoni jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess, suġġetta għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni.
6. Kull membru ta' l-EUEB għandu jinnomina persuna ta' kuntatt.

PRESIDENZA, VIĊI-PRESIDENZI U SEGRETARJAT

7. Il-presidenza u ż-żewġ viċi-presidenzi ta' l-EUEB għandhom jinżammu wara xulxin mill-korpi kompetenti tal-Unjoni Ewropea għall-Ittikettjar Ekoloġiku msemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000.
8. Il-presidenza għandha l-ewwel tinżamm skond min imiss minn korp kompetenti minn kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea, matul il-perijodu tal-presidenza tagħhom, u wara minn kull Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, għall-istess tul ta' żmien u f'ordni alfabetiku.
9. Iż-żewġ viċi-presidenzi għandhom jinżammu mill-korp kompetenti li jkun imissu li jżomm il-presidenza u l-korp kompetenti li qabel kellu l-presidenza.
10. Il-korp kompetenti li jżomm il-presidenza jew iż-żewġ viċi-presidenzi jista', eċċezjonalment, jiġi mibdul minn wieħed mill-viċi-presidenzi jew minn membru ieħor tal-EUEB.
11. F'kull żmien, iżda, l-EUEB jista', bla ħsara għall-qbil mill-Kummissjoni, jadotta mod differenti biex jistabbilixxi l-presidenza u l-viċi-presidenzi.
12. Is-segretarjat ta' l-EUEB għandu jinżamm mill-Kummissjoni.

LAQGĦAT

13. Il-laqgħat tal-EUEB għandhom jiġu msejja mill-president, li għandu, bl-għajnuna tal-viċi-presidenti u s-segretarjat, ikun responsabbli biex iħejji u jqassam l-inviți, l-aġendi u l-karti ta' assistenza, kif ukoll li jħejji u jqassam il-minuti korrispondenti.
14. Il-Kummissjoni għandha, fuq talba, tagħmel disponibbli kamra għall-laqgħat jekk il-laqgħa tkun skedata li ssir fi Brussel.

15. B'mod ġenerali, mhux aktar minn tlett rappreżentanti ta' membri tal-EUEB għandhom jieħdu sehem fl-aqgħa partikolari.
16. Ir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u ż-Żona Ekonomika Ewropea jistgħu jieħdu sehem fil-laqgħat tal-EUEB. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni għandhom jieħdu sehem fil-laqgħat ta' l-EUEB. Il-President jew il-Kummissjoni jistgħu, fejn japplika, jistiednu partijiet oħra nteressati biex jieħdu sehem.

SPEJJEŻ

17. L-ispejjeż komuni meħtieġa għall-laqgħat, l-iżvilupp u r-reviżjoni tal-kriterji ekoloġiċi u attivitajiet oħra għandhom jitħallsu mill-Kummissjoni suġġetti għall-ftehim ta' estimi annwali għal dik l-ispiża.

REGOLI ĠENERALI

(Relatati ma', fost ħwejjeġ oħra, d-direzzjoni tal-korpi kompetenti u l-gruppi tax-xogħol *ad hoc*, u huma applikabbli meta jintużaw għall-issettjar jew ir-reviżjoni tal-kriterji ekoloġiċi u stimi relatati u għall-konformità mal-ħtiġiet ta' verifikazzjoni għall-gruppi ta' prodotti)

18. Meta jintużaw b'relazzjoni ma' l-issettjar jew ir-reviżjoni tal-kriterji ekoloġiċi kif ukoll ma' l-istimi relatati u l-konformità mall-ħtiġiet ta' verifikazzjoni għall-grupp ta' prodotti, l-EUEB għandu jagħżel korp kompetenti wieħed jew aktar msemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 li jkunu lesti li jieħdu l-parti tat-tmexxija. Għandhom ikunu msemmija bħala l-korpi kompetenti ta' tmexxija.
19. Il-korp kompetenti ta' tmexxija għandu, bl-għajnuna tal-membri ta' l-EUEB, jiffirma grupp tax-xogħol *ad hoc*, kif imsemmi fl-Anness IV(1) li jinsab ma' l-imsemmi Regolament. Għandu b'mod attiv ifittex li jibbilanċja l-parteċipazzjoni ta', fost oħrajn, rappreżentanti adattati tal-partijiet interessati, tal-korpi kompetenti u tal-Kummissjoni. L-Unjoni Ewropea u partijiet interessati mhux mill-Unjoni Ewropea għandhom ikunu trattati bl-istess mod. Ir-rappreżentanti tal-partijiet interessati msemmija hawn fuq għandhom sa fejn hu possibbli jkunu esperti u jkunu jafu dwar il-grupp ta' prodotti in kwistjoni, u għandha ssir referenza għalihom bħala r-rappreżentanti tekniċi.
20. Il-korpi kompetenti kollha għandhom, b'mod attiv, ifittxu l-opinjoni tal-partijiet interessati fil-pajjiż tagħhom b'relazzjoni mal-grupp ta' prodotti in kwistjoni, u għandhom jikkomunikaw dawn l-opinjonijiet lill-grupp tax-xogħol *ad hoc* u lill-EUEB.
21. Il-korp kompetenti li jmexxi għandu jorganizza u jipprevedi ta' l-anqas laqgħa waħda ta' dan il-grupp tax-xogħol *ad hoc*. Il-Kummissjoni għandha, fuq talba, tagħmel disponibbli kamra tal-laqgħat jekk il-laqgħa tkun skedata li ssir fi Brussel.
22. Ir-rappreżentanti tekniċi tal-partijiet interessati msemmija hawn fuq għandhom sa fejn hu possibbli jieħdu sehem ukoll fil-laqgħat tal-EUEB meta l-grupp ta' prodotti in kwistjoni għandu jiġi diskuss kollu kemm hu.
23. L-EUEB, il-korp kompetenti li jmexxi u l-grupp tax-xogħol *ad hoc* għandhom jaġixxu f'konformità ma' l-għanijiet u l-prinċipji imniżżla f'Artikolu 1 ta' l-imsemmi Regolament kif ukoll mall-prinċipji proċedurali mniżżla f'Anness IV ta' l-imsemmi Regolament.
24. L-EUEB, il-korp kompetenti li jmexxi u l-grupp tax-xogħol *ad hoc* għandu jagħti kont tal-politika rilevanti ambjentali tal-Komunità u x-xogħol magħmul fuq gruppi oħra ta' prodotti relatati.
25. L-isforzi kollha raġonevoli għandhom isiru mill-EUEB u l-membri tiegħu u mill-korp kompetenti fit-tmexxija u l-grupp tax-xogħol *ad hoc* sabiex jinkiseb konsensus fix-xogħol kollu tagħhom, waqt li jimmiraw lejn livelli għolja ta' protezzjoni ambjentali.

XOGĦOL PREPARATORJU

(Proċedura li għandha tiġi segwita qabel ma' l-Kummissjoni tintalab li tibda l-proċedura għall-issettjar tal-kriterji ekoloġiċi għal grupp ta' prodotti)

26. L-EUEB jista' jitlob lill-Kummissjoni li tibda l-proċedura għall-issettjar tal-kriterji ekoloġiċi għal grupp ta' prodotti.
27. L-EUEB għandu jagħti kont kif mistħoqq tal-pjan tax-xogħol ta' l-Eko-Tikketta Komunitarja msemmija fl-Artikolu 5 tar-regolament (KE) Nru 1980/2000, u b'mod partikolari l-lista mhux eżawrjenti ta' gruppi ta' prodotti meqjusa bħala prijoritajiet għall-azzjoni tal-Komunità.
28. L-EUEB għandu jħejji xogħol preparatorju biex jistabbilixxi jekk il-grupp ta' prodotti taħt konsiderazzjoni jaqax fl-iskop tal-iskema ta' għoti ta' l-Eko-Tikketta Komunitarja kif imniżżel fl-Artikolu 2 ta' l-imsemmi Regolament, u b'mod partikolari jkun jissodisfa l-kundizzjonijiet mniżżla fl-Artikolu 2(2). Il-Kummissjoni tista' wkoll titlob lill-EUEB li twettaq dan ix-xogħol preparatorju.

29. Biex ikun jista' jwettaq dan ix-xogħol preparatorju, l-EUEB għandu jagħżel korp jew korpi kompetenti tat-tmexxija u li huma lesti li jieħdu dan ir-rwol ta' tmexxija, u li għandhom jiffurmaw grupp tax-xogħol *ad hoc*. Ir-regoli ġenerali ddetaljati ta' hawn fuq għandhom jgħoddu.
30. Il-korp kompetenti fit-tmexxija bl-ghajjnuna tal-grupp tax-xogħol *ad hoc* għandu, fost ħwejjeġ oħra u sal-grad adattat, iwettaq studju ta' vijabilità u tas-suq, jieħu l-konsiderazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja u l-analiżi ta' titjib msemmi f'Anness II ta' l-imsemmi Regolament, waqt li jagħti kont tal-ħtiġiet u tad-disposizzjonijiet applikabbli minn iż-żewġ fl-Artikolu 3, Anness I u Anness IV(1).
- Waqt li jagħmel dan, il-korp kompetenti fit-tmexxija bl-ghajjnuna tal-grupp tax-xogħol *ad hoc* għandu, fost ħwejjeġ oħra u sa fejn huwa xieraq u possibbli, iwettaq ix-xogħlijiet li ġejjin:
- janalizza n-natura tas-suq, inkluża s-segmentazzjoni industrijali u ekonomika tas-settur (manifatturi prinċipali, ishma tas-suq, importazzjonijiet, eċċ.), li jikkarakterizzaw it-tipi differenti tal-prodott, janalizza l-possibilitajiet tat-tqegħid fis-suq b'suċċess tal-prodotti ttikkettjati ekoloġikament u jipproponi strateġija adattata ta' bejgħ u komunikazzjoni;
 - ifittex l-opinjoni tal-partijiet interessati (korpi kompetenti, gruppi interessati, eċċ.), u jidentifika dawk il-partijiet li għandhom jikkoperaw fil-proċess tat-twaqqif tal-kriterji;
 - janalizza l-impatti prinċipali ambjentali, l-aħjar Prattika ambjentali fis-settur, iħares ukoll lejn id-disinn tal-kwistjonijiet ta' l-ambjent, u jidentifika ż-żoni prinċipali għat-titjib tal-grupp tal-prodott u kif dawn jistgħu jiġu possibbilment indirizzati fil-kriterji ekoloġiċi;
 - janalizza l-elementi prinċipali li jirrelataw mal-kapaċità tal-prodott li jilħaq il-ħtiġiet tal-konsumaturi u kif dawn jistgħu jiġu possibbilment indirizzati fil-kriterji ta' l-Ittikettjar Ekoloġiku;
 - jagħmel inventarju u jikseb kopji ta' l-Ittikettjar Ekoloġiku eżistenti, standards, metodi tat-test u studji li huma rilevanti għat-twaqqif ta' l-Ittikettjar Ekoloġiku għall-grupp tal-prodotti, waqt li jagħti kont tax-xogħol magħmul fuq gruppi relatati ta' prodotti, u jistma n-nefġiet ta' l-ittestjar;
 - jirrevedi l-leġislazzjoni nazzjonali, Ewropea u internazzjonali;
 - jidentifika ostakoli potenzjali li jistgħu jfixxlu milli jiġi stabbilit b'suċċess dan il-grupp ta' prodotti;
 - jagħmel abbozzi u jqassam fiż-żmien qabel il-laqgħat relatati, il-karti kollha tax-xogħol meħtieġa, jagħmel sommarji tas-sejbiet prinċipali ta' kull wieħed mit-tlett stadji msemmija hawn fuq, u jinkludi tagħrif u analiżi oħra rilevanti.
 - jagħmel abbozz tar-rapport finali komprensiv dwar ir-riżultat ta' l-analiżi ta' hawn fuq u l-investigazzjonijiet, miktub bl-Ingliż u kif ukoll bl-għażla f'wieħed mill-ilnsna l-oħra uffiċjali tal-Kummissjoni. Dan ir-rapport finali għandu jkun disponibbli kemm fil-forma stampata u kif ukoll f'dik elettronika, u għandu jkun miftuħ għall-konsultazzjoni, fejn possibbli fuq is-sit internet ta' l-Ittikettjar Ekoloġiku. Għandu jinkludi f'anness lista qasira tad-dokumenti kollha mqasma fil-kors ta' dan ix-xogħol, flimkien ma' indikazzjoni tad-data tat-tqassim ta' kull dokument u lil min ikun tqassam, u kopja tad-dokumenti in kwistjoni. Għandu wkoll jinkludi f'anness lista tal-partijiet interessati involuti fix-xogħol jew li jkunu ġew konsultati jew ikunu esprimew opinjoni, flimkien mal-kuntatt tat-tagħrif tagħhom. Għandu jinkludi sommarju eżekuttiv u, fejn rilevanti, annessi b'inventarji ddetaljati tal-komputazzjonijiet. Għandha tittieħed konsiderazzjoni ta' kull osservazzjoni irċevuta dwar ir-rapport, u, fuq talba, tagħrif dwar kif il-kummenti ġew sussegwentement osservati għandu jiġi provdut.
 - jippreżenta s-sejbiet fl-laqgħa waħda jew aktar tal-EUEB u, fuq il-bażi ta' dawn il-konsultazzjonijiet u l-possibilità tas-suċċess totali tal-Eko-Tikketta għall-grupp ta' prodotti kandidat, jirrakkomanda jekk il-grupp ta' prodotti għandux jiġi żviluppaktar aktar jew le u l-kriterji ta' l-Eko-Tikketta stabbiliti.
31. Meta jkun sodisfatt b'dan ix-xogħol preparatorju għal grupp ta' prodotti kandidat u bir-rakkomandazzjoni pożittiva tal-grupp tax-xogħol *ad hoc*, l-EUEB għandu jibgħat ir-rapport finali flimkien mal-proposti li jikkonċernaw l-abbozzi tal-mandat lill-Kummissjoni, u għandu jitlob lill-Kummissjoni biex tibda l-proċedura ta' l-issettjar tal-kriterji ekoloġiċi għall-grupp tal-prodotti in kwistjoni u li jagħti mandat lill-EUEB sabiex jagħti kont tal-proposti msemmija hawn fuq. Il-membri ta' l-EUEB li jirrappreżentaw lill-partijiet interessati msemmija fl-Artikolu 15 ta' l-imsemmi Regolament jistgħu individwalment jew kollettivament iżidu f'anness ma' dan ir-rapport finali l-opinjoni speċifika jew opinjonijiet tagħhom.

MANDAT BIEX JIĠU ŻVILUPPATI JEW RIVEDUTI L-KRITERJI

(Proċedura li għandha tiġi segwita meta jitwettaq il-mandat mill-Kummissjoni biex jiġu żviluppaktar jew riveduti l-kriterji ta' l-Eko-Tikketta u l-istima relatata u l-konformità mal-ħtiġiet ta' verifikazzjoni għal grupp ta' prodotti)

32. L-EUEB għandu, fuq il-bażi tal-mandat irċevut mill-Kummissjoni, jiżviluppa proposta għall-kriterji ta' l-Eko-Tikketta u l-istima relatata u l-konformità mal-ħtiġiet ta' verifikazzjoni għall-grupp ta' prodotti in kwistjoni. L-EUEB għandu jirrispetta l-limitu ta' żmien għat-tlestija tax-xogħol provdut fil-mandat.
33. Biex ikun jista' jagħmel dan, l-EUEB għandu jagħżel korp jew korpi kompetenti tat-tmexxija li huma lesti li jieħdu dan ir-rwol ta' tmexxija, u li għandhom jiffurmaw grupp tax-xogħol *ad hoc*. Ir-regoli ġenerali ddetaljati ta' hawn fuq għandhom jgħoddu.

34. Il-korp kompetenti fit-tmexxija bl-għajnuna tal-grupp tax-xogħol *ad hoc* għandu l-ewwel jiddetermina jekk l-analiżi kollha meħtieġa, investigazzjonijiet u xogħol ieħor ta' thejġija, dettaljat hawn fuq, ikun twestaq. Dan jinkludi, b'mod partikolari, studju ta' vijabilità u tas-suq, il-konsiderazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja u l-analiżi tat-titjib msemmi f'Anness II li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 1980/2000. Il-korp kompetenti fit-tmexxija bl-għajnuna tal-grupp tax-xogħol *ad hoc* għandu jieħu l-azzjonijiet kollha adattati biex ilesti u jaġġorna dan ix-xogħol preparatorju kif meħtieġ, waqt li jingħata kont tal-proċeduri dettaljati tas-sezzjoni msemmi hawn fuq.
35. Il-korp kompetenti fit-tmexxija għandu jippreżenta l-abbozz propost u r-rapporti relatati u analiżi flaqgħa waħda jew aktar tal-EUEB u, fuq il-bażi ta' dawn il-konsultazzjonijiet għandu fejn xieraq jindika lill-EUEB li l-mandat jista' jitmexx li jkun tlesta. F'dan ir-rigward, stima partikolari għandha tingħata għall-possibiltà li l-abbozz propost jirċievi livell għoli ta' appoġġ.
36. Bl-istess mod l-EUEB, fuq il-bażi tax-xogħol imwettaq mill-korp kompetenti fit-tmexxija u l-grupp tax-xogħol *ad hoc*, għandu fejn japplika javża lill-Kummissjoni bl-abbozz tal-kriterji u jindika lill-Kummissjoni li l-mandat jista' jitmexx li jkun tlesta. F'dan ir-rigward, kont partikolari għandu jingħata għall-possibiltà li l-abbozz propost jirċievi livell għoli ta' appoġġ. Il-membri ta' l-EUEB li jirrappreżentaw lill-partijiet interessati msemmi f' l-Artikolu 15 ta' l-imsemmi Regolament (KE) Nru 1980/2000 jistgħu individwalment jew kollettivament jagħtu l-opinjoni speċifika tagħhom jew opinjonijiet fl-Anness flimkien ma' dan l-abbozz tal-kriterji.
37. Jekk il-Kummissjoni tindika li l-mandat ma jkunx twestaq, l-EUEB għandu jkompli x-xogħol tiegħu fuq l-abbozz tal-kriterji, waqt li jagħti kont tal-proċeduri u ħtiġiet dettaljati f'din is-sezzjoni. Il-Kummissjoni għandha tindika r-raġunijiet għall-posizzjoni tagħha.
38. Jekk f'xi żmien partikolari l-Kummissjoni tindika li l-mandat ikun twestaq, l-EUEB għandu jqis li l-mandat ikun tlesta. L-EUEB għandu madanakollu jerġa' jibda x-xogħol fuq il-mandat jekk il-Kummissjoni hekk titlob f'xi data aktar tard.
39. Jekk f'xi żmien partikolari l-EUEB jikkonkludi li ma jkunx kapaċi jwettaq il-mandat, għandu javża b'dan lill-Kummissjoni minnufih, waqt li jindika fid-dettal ir-raġunijiet.

MANDAT BIEX JIĠU RIVEDUTI L-KRITERJI

(Proċedura li għandha tiġi segwita biex jitwettaq il-mandat mill-Kummissjoni biex jiġu riveduti l-kriterji ta' l-Eko-Tikketta u l-istima relatata u l-konformità mal-ħtiġiet ta' verifikazzjoni għal grupp ta' prodotti)

40. L-EUEB għandu fuq il-bażi tal-mandat irċevut mill-Kummissjoni, jirrevedi l-kriterji ta' l-Ittikettjar Ekoloġiku u l-istima relatata u l-konformità mal-ħtiġiet ta' verifikazzjoni għall-grupp ta' prodotti in kwistjoni.
41. L-EUEB għandu jagħti każ partikolari sabiex ilesti x-xogħol tiegħu f'ħin mistenni qabel ma tiskadi l-validità tal-kriterji eżistenti.
42. Biex ikun jista' jagħmel dan, l-EUEB għandu jagħżel korp jew korpi kompetenti tat-tmexxija u li huma lesti li jieħdu dan ir-rwol ta' tmexxija, u li għandhom jiffurmaw grupp tax-xogħol *ad hoc*. Ir-regoli ġenerali dettaljati ta' hawn fuq għandhom jgħoddu.
43. Il-korp kompetenti fit-tmexxija bl-għajnuna tal-grupp tax-xogħol *ad hoc* għandu jirrevedi l-kriterji kurrenti ta' l-Ittikettjar Ekoloġiku u l-istima relatata u l-konformità mal-ħtiġiet ta' verifikazzjoni, kif ukoll jirrevedi u fejn meħtieġ ilesti u jaġġorna l-analiżi varji, rapporti, inventarji u xogħol ieħor dettaljat fis-sezzjoni msemmi f' "Xogħol ta' thejġija".
44. Il-korp kompetenti fit-tmexxija bl-għajnuna tal-grupp tax-xogħol *ad hoc* għandu b'mod partikolari jevalwa is-suċċess passat, kurrenti u futur ta' dan il-grupp ta' prodotti, inklużi l-benefiċċji relatati ambjentali, waqt li jingħata kont tas-suċċess ta' gruppi tal-prodotti relatati, u kif ukoll jingħata kont tal-pjan tax-xogħol ta' l-Eko-Tikketta Komunitarja.
45. Il-korp kompetenti fit-tmexxija għandu jippreżenta r-riżultat ta' dawn l-valutazzjonijiet u analiżi flaqgħa waħda jew aktar tal-EUEB u, fuq il-bażi ta' dawn il-konsultazzjonijiet, għandu fejn japplika jirrakkomanda lill-EUEB jekk il-kriterji ekoloġiċi u stima relatata u konformità mal-ħtiġiet ta' verifikazzjoni għandhomx jittawlu, jew jiġu rtirati jew riveduti. F'dan ir-rigward, kont partikolari għandu jingħata għall-possibiltà li r-rakkomandazzjoni proposta tirċievi livell għoli ta' appoġġ.
46. Bl-istess mod l-EUEB, fuq il-bażi tax-xogħol imwettaq mill-korp kompetenti fit-tmexxija u l-grupp tax-xogħol *ad hoc*, għandu fejn japplika jirrakkomanda lill-Kummissjoni li l-kriterji ekoloġiċi u l-istima relatata u l-konformità mal-ħtiġiet ta' verifikazzjoni għandhomx jew jittawlu, jew jiġu rtirati jew jiġu riveduti. F'dan ir-rigward, kont partikolari għandu jingħata għall-possibiltà li r-rakkomandazzjoni proposta tirċievi livell għoli ta' appoġġ. Il-membri tal-EUEB li jirrappreżentaw lill-partijiet interessati msemmi f' l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000, jistgħu individwalment jew kollettivament jagħtu l-opinjoni speċifika tagħhom jew opinjonijiet f'anness flimkien ma' din ir-rakkomandazzjoni.

47. Jekk il-Kummissjoni tindika li l-mandat ma jkunx twettaq, l-EUEB għandu hekk ikompli, waqt li jagħti kont tal-proċeduri u ħtiġiet dettaljati f'din is-sezzjoni. Il-Kummissjoni għandha tindika r-raġunijiet għall-posizzjoni tagħha.
48. Jekk il-Kummissjoni tindika li taqbel mar-rakkomandazzjoni li l-kriterji ekoloġiċi u l-istima relatata u l-konformità mal-ħtiġiet ta' verifikazzjoni għandhom jiġu riveduti, l-EUEB għandu hekk jipproċedi, waqt li jagħti kont tal-proċedura u l-ħtiġiet dettaljati fis-sezzjoni msemmija "Mandat biex jiġu żviluppati jew riveduti l-kriterji".
49. Jekk il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjoni li l-kriterji ekoloġiċi u l-istima relatata u l-konformità mal-ħtiġiet ta' verifikazzjoni għandhom jiġu rtirati jew imtawwla, l-EUEB għandu jqis li l-mandat ikun tlesta. L-EUEB għandu madanakollu jerġa' jibda x-xogħol fuq il-mandat jekk il-Kummissjoni hekk titlob f'xi data aktar tard.
50. Jekk f'xi żmien paritkolari l-EUEB jikkonkludi li ma jkunx kapaċi jwettaq il-mandat, għandu javża b'dan lill-Kummissjoni minnufih, waqt li jindika fid-dettal ir-raġunijiet.

INPUT DWAR IL-PJAN TAX-XOGĦOL

(Proċedura li għandha tiġi segwita meta jiġi konsultat mill-Kummissjoni dwar il-pjan tax-xogħol ta' l-Eko-Tikketta Komunitarja)

51. L-EUEB jista' jipprovi input lill-Kummissjoni dwar il-pjan tax-xogħol ta' l-Eko-Tikketta Komunitarja propost imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) No 1980/2000.
52. Biex jagħmel dan l-EUEB għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa u xierqa, waqt li jaġixxi f'konformità ma' l-għanijiet u l-prinċipji mniżżla fl-Artikolu 1(1) u (4) ta' l-imsemmi Regolament.
53. Qabel ma jipproponi gruppi ġodda ta' prodotti li jistgħu jkunu ta' prijorità għall-azzjoni tal-Komunità, l-EUEB għandu l-ewwel jagħmel riżoluzzjoni preliminari u indikattiva ta' jekk il-gruppi tal-prodotti in kwistjoni jaqgħux fl-iskop ta' l-iskema ta' għoti ta' l-Eko-Tikketta Komunitarja kif imniżżla fl-Artikolu 2 ta' l-imsemmi Regolament, u b'mod partikolari jekk jissodisfawx il-kundizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 2(2) ta' l-imsemmi Regolament. Waqt li jagħmel dan, għandu jagħti kont b'mod xieraq, il-varji konsiderazzjonijiet dettaljati hawn fuq fis-sezzjoni msemmija "Xogħol ta' thejġija".
54. Kull sforzi raġonevoli għandhom isiru mill-EUEB u l-membri tiegħu biex jintlaħaq livell għoli ta' konsensus matul dan ix-xogħol.

AZZJONIJET OĦRA MILL-MEMBRI TAL-EUEB

55. Il-membri tal-EUEB għandhom jaġixxu fl-interess ġenerali ta' l-iskema ta' l-Eko-Tikketta Komunitarja, u jistgħu jieħu l-inizjattivi li jqisu pertinenti u ta' użu għal dan il-għan. Jistgħu jaġixxu bl-istess mod fuq talba tal-Komunità. Dawn l-inizjattivi jistgħu jinkludu, fost oħrajn:
 - l-attivitatiet promozzjonali, kif imsemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jew xort'oħra,
 - il-formazzjoni ta' gruppi tax-xogħol *ad hoc*,
 - azzjonijiet biex jipromwovu l-applikazzjoni armonizzata tal-kriterji ta' l-Ittikettjar Ekoloġiku u l-istima rilevanti u l-konformità mal-ħtiġiet ta' verifikazzjoni, inkluża l-addattazzjoni regolari u t-titjib fil-manwali għall-utenti.
 - jagħmlu abbozzi ta' linjigwida, per eżempju biex jiffaċilitaw l-iżvilupp tal-kriterji ekoloġiċi,
 - jaddottaw proċeduri interni fejn xieraq.

REVIŻJONI

56. L-EUEB għandu jirrevedi regolament l-iffunzjonar tiegħu, u, fejn meħtieġ, jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni biex taddatta dawn il-proċeduri kif xieraq. L-ewwel revizzjoni għandha titlesta qabel it-tmiem ta' l-2002.